MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-7 ta' April, 2005

Talba Numru. 1732/2003

**Untours Insurance Agents Ltd ghal-Qatar Insurance Company surrogata fid-drittijiet ta' Saviour Sant u l-istess Saviour Sant**

**Vs**

**John Mary Gauci**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta' Settembru 2003 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm772.41 (seba` mija tnejn u sebghin lira Maltin u wiehed u erbghin centezmu) rapprezentanti danni kkagunati f'incident awtomobilistiku fil-Marsa nhar l-14 ta' Dicembru 2002.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Dikjarazzjoni li l-konvenut kien responsabbli ghall-incident stradali li sehh fi Triq Aldo Moro, Marsa fl-14 ta' Dicembru

2002 bejn bowser numru FAJ 768 misjuq mill-konvenut u Kia Shuma numru SJS 001 misjuqa mill-attur flimkien ma kundanna lill-konvenut li jhallas, in linea ta' danni, Lm707.16 lill-Untours Insurance Agents Ltd noe u Lm65.25 lil Saviour Sant.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-lum ai termini tal-Kap 104, Lm11.50 ta' konsult u bl-imghax minn notifika ta' dana l-Avviz kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante li l-incident in kwistjoni ma garax tort tal-eccipjenti izda gara tort ta' Saviour Sant is-sewwieq tal-vettura numru SJS 001 u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi z-zewg xufiera kkonfermaw ix-xhieda minnhom moghtija "a tempo vergine" tal-incident. Inoltre fil-kaz odjern wiehed ghandu jsib il-beneficji tat-testimonjanza ta' xhud okulari indipendenti mill-partijiet, cioe Charles Magro. Dana kkonferma l-versjoni tal-partijiet.

Kif dal resto ammess mill-konvenut it-trakk minnu misjuq huwa ngenti gholi u mill-mirja ma setax jara vetturi tahtu fuq ix-xellug. Kien ghalhekk li huwa qabad il-vettura tal-attur, dawwarha u kaxkarha. Trakk ta` dik il-kwalita kien qed jigi misjuq fil-karreggjata hazina tat-triq. Messhu kien flok l-istess atturi! Messhu qaghad wara t-trakk tal-linja mhux jissorpassah. Il-kontijiet mhux kontestati u ghalhekk qed jigu akkordati.

Jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjoniet tal-konvenut jilqa` t-talbiet attrici u jikkundannah ihallas is-somma ta'

seba` mija, sebgha liri u sittax-il centezmu (Lm707.16) lis-socjeta` assiguratrici u hamsa u sittin lira u hamsa u ghoxrin centeznu (Lm65.25) lill-attur Sant, bl-ispejjes u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------